DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/1838

tat-18 ta' Ottubru 2021

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/824 dwar ir-Regolamenti tal-Persunal taċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/401/PESK tas-26 ta' Ġunju 2014 dwar iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea u li tħassar l-Azzjoni Konġunta 2001/555/PESK dwar it-twaqqif ta' Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 8(5) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, fil-kapaċità tiegħu bħala president tal-Bord taċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (SATCEN) huwa aġenzija tal-Unjoni, affiljat mal-Organizzazzjonijiet Koordinati. Fid-dawl tal-ġurisprudenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jenħtieġ li r-Regolamenti tal-Persunal taċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea kif adottati mill-Kunsill fil-15 ta' Mejju 2017 permezz tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/824 ([2]) (ir-"Regolamenti tal-Persunal tas-SATCEN") jiġu allinjati mar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet ta' Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea, stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ([3]), kif ukoll mar-Regolamenti tal-Persunal tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża ([4]). B'mod partikolari, ir-Regolamenti tal-Persunal tas-SATCEN jenħtieġ li jipprevedu l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biex tiddeċiedi dwar tilwim bejn is-SATCEN u l-membri tal-persunal tiegħu bl-istess mod bħal f'tilwim bejn kwalunkwe uffiċjal tal-Unjoni u min iħaddmu/iħaddimha.

(2) Il-Bord tas-SATCEN, fuq proposta mid-Direttur tas-SATCEN, fassal emendi għar-Regolamenti tal-Persunal tas-SATCEN għall-adozzjoni mill-Kunsill,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2017/824 hija b'dan emendata kif ġej:

(1) fil-Kapitolu VIII, it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Appelli"

(2) L-Artikolu 28 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 28

Appelli

"1. Kwalunkwe persuna li għaliha japplikaw dawn ir-Regolamenti tal-Persunal tista' titlob lid-Direttur biex jieħu deċiżjoni relatata magħha rigward kwistjonijiet koperti minn dawn ir-Regolamenti tal-Persunal. Id-Direttur għandu jinnotifika lill-persuna kkonċernata dwar id-deċiżjoni motivata tiegħu fi żmien erba' xhur mid-data li fiha tkun saret it-talba. Jekk, fit-tmiem ta' dak il-perijodu, ma jkunx hemm tweġiba għat-talba, dan għandu impliċitament ifisser li t-talba tkun inċaħdet, u kontra dan jista' jitressaq ilment skont il-paragrafi li ġejjin.

([1]) ĠU L 188, 27.6.2014, p. 73.

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/824 tal-15 ta' Mejju 2017 dwar ir-Regolamenti tal-Persunal taċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 123, 16.5.2017, p. 7).

([3]) Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali u l-kondizzjonijiet ta' impjieg ta' uffiċjali oħra tal-Komunitajiet Ewropej u li jistabbilixxi miżuri temporanji applikabbli għall-Uffiċjali tal-Kummissjoni (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1).

([4]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1351 tal-4 ta' Awwissu 2016 dwar ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, u li tħassar id-Deċiżjoni 2004/676/KE (ĠU L 219, 12.8.2016, p. 1).

2. Kwalunkwe persuna li għaliha japplikaw dawn ir-Regolamenti tal-Persunal tista' tippreżenta lid-Direttur ilment kontra att li jaffettwaha ħażin, jew fejn id-Direttur ikun ħa deċiżjoni jew inkella fejn naqas milli jadotta miżura preskritta minn dawn ir-Regolamenti tal-Persunal. L-ilment għandu jkun ippreżentat fi żmien tliet xhur. Dak il-perijodu għandu jibda jiddekorri:

(a) fid-data ta' pubblikazzjoni tal-att jekk tkun miżura ta' natura ġenerali;

(b) fid-data tan-notifika tad-deċiżjoni lill-persuna kkonċernata, iżda fl-ebda każ aktar tard mid-data li fiha din tal-aħħar tkun irċeviet tali notifika, jekk il-miżura taffettwa persuna speċifikata; jekk, madankollu, att li jaffettwa persuna speċifikata jkun tali li jaffettwa ħażin lil persuna oħra, il-perijodu għandu jibda jiddekorri fir-rigward ta' dik il-persuna l-oħra mid-data li fiha hija tirċievi n-notifika tagħha iżda fl-ebda każ aktar tard mid-data tal-pubblikazzjoni;

(c) fid-data tal-iskadenza tal-perijodu preskritt għat-tweġiba fejn l-ilment jikkonċerna deċiżjoni impliċita li tiċħad talba kif previst fil-paragrafu 1.

3. Id-Direttur għandu jinnotifika lill-persuna kkonċernata dwar id-deċiżjoni motivata tiegħu fi żmien erba' xhur mid-data li fiha jkun sar l-ilment. Jekk, fit-tmiem ta' dak il-perijodu, ma tkun ġiet riċevuta l-ebda tweġiba għall-ilment, dan għandu impliċitament ifisser li t-talba tkun inċaħdet, u kontra dan jista' jitressaq appell skont il-paragrafu 5.

Fil-każ ta' tweġiba negattiva, il-membru tal-persunal jista' jitlob għall-medjazzjoni. Tali medjazzjoni mhijiex mandatorja.

4. Id-Direttur għandu jaħtar medjatur għal perijodu ta' tliet snin li jista' jiġġedded.

Il-medjatur għandu jkun espert legali kwalifikat u indipendenti. Huwa għandu jirċievi mingħand id-Direttur u l-membru tal-persunal ikkonċernat id-dokumenti kollha li huwa jqis meħtieġa għall-eżami tal-każ.

Huwa għandu jippreżenta l-konklużjonijiet tiegħu fi żmien xahrejn mid-data li fiha jkun ġie inkarigat bil-każ.

Dawk il-konklużjonijiet m'għandhom ikunu vinkolanti la fuq id-Direttur u lanqas fuq il-membru tal-persunal.

L-ispejjeż tal-medjazzjoni għandhom jitħallsu mis-SATCEN jekk il-konklużjonijiet jiġu miċħuda mid-Direttur; 50 % tal-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-membru tal-persunal jekk ikun huwa li jiċħad li jaċċetta s-sejbiet.

5. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-'Qorti tal-Ġustizzja') għandu jkollha ġurisdizzjoni fi kwalunkwe tilwima bejn is-SATCEN u kwalunkwe persuna li għaliha japplikaw dawn ir-Regolamenti tal-Persunal fir-rigward tal-legalità ta' att li jkun jaffettwa ħażin tali persuna skont it-tifsira tal-paragrafu 2.

F'tilwim ta' natura finanzjarja, il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha ġurisdizzjoni bla limitu.

Il-membri tal-persunal jistgħu jressqu appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, soġġett għal li ġejjin.

(a) appell lill-Qorti tal-Ġustizzja jintlaqa' biss jekk:

(i) ilment ikun ġie preċedentement ippreżentat lid-Direttur skont il-paragrafu 2 fiż-żmien preskritt hemmhekk, u

(ii) l-ilment ma jkunx intlaqa' b'deċiżjoni espressa jew b'deċiżjoni impliċita.

(b) appell skont il-punt (a) għandu jiġi ppreżentat fi żmien tliet xhur. Dak il-perijodu għandu jibda:

(i) fid-data ta' notifika tad-deċiżjoni meħuda b'risposta għall-ilment, jew

(ii) fejn l-appell ikun kontra deċiżjoni impliċita li ma tilqax ilment ippreżentat skont il-paragrafu 2, fid-data ta'skadenza tal-perijodu preskritt għal tweġiba; madankollu, fejn ilment ma jkunx intlaqa' permezz ta' deċiżjoni espressa wara li ma jkunx ġie milqugħ b'deċiżjoni impliċita iżda qabel ma jiskadi l-perijodu sabiex isir appell, il-perijodu sabiex isir l-appell jerġa' jibda jiddekorri mill-ġdid.

(c) b'deroga mill-punt (b), il-persuna kkonċernata, wara li tkun ippreżentat ilment lid-Direttur skont il-paragrafu 2, tista' minnufih tagħmel appell mal-Qorti tal-Ġustizzja, sakemm tali appell jiġi akkumpanjat minn applikazzjoni jew għal sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-att ikkontestat jew għall-adozzjoni ta' miżuri interim. Il-proċedimenti fl-azzjoni prinċipali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għandhom imbagħad jiġu sospiżi sakemm tittieħed deċiżjoni espressa jew impliċita li ma tilqax l-ilment.";

(3) L-Anness X jitħassar.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett fl-1 ta' Novembru 2021. Hija għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-18 ta' Ottubru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES